**122. L-Onor. Francis Zammit Dimech, Membru tal-Oppożizzjoni ppropona:-**

Din il-Kamra tinnota li:-

Fit-13 ta' Frar, 1998, tqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra kopji ta' l-Avviżi Legali numri 56 u 57 ta' l-1998 li jżidu għal kulħadd il-kera tal-*meter* u t-tariffi tal-konsum ta' l-ilma u jdaħħlu tariffi ġodda għas-servizz tad-drenaġġ.

It-tariffi msemmija kienu tħabbru fid-diskors tal-Budget fil-5 ta' Novembru, 1997, u, fil-fatt l-Avviżi Legali msemmija jdaħħlu fis-seħħ l-istess tariffi mid-data msemmija.

Din il-Kamra, fid-dibattiti ta' l-Estimi ta' diversi Ministeri, diġa' kellha l-opportunita' li turi li l-maġġoranza tal-Membri eletti tagħha ma taqbilx ma' dawn it-tarffi.

Fil-pajjiż hawn qbil li dawn it-tariffi jgħabbu piż kbir wisq fuq dik il-parti tas-soċjeta' li l-inqas tiflaħ u għalhekk dawn it-tariffi huma inġusti u anti-soċjali.

Il-Gvern għaraf il-verita' ta' dawn l-ilmenti u issa ilu aktar minn tliet xhur iwiegħed li jieħu miżuri biex ineħħi jew għallinqas itaffi t-tbatija li ħoloq il-Gvern stess b'dawn il-miżuri anti-soċjali. Iżda l-Gvern għadu ma ħa ebda miżuri li jagħmlu dan, u issa qed iwettaq dawn il-miżuri.

Il-miżuri jgħabbu wkoll lill-industrija bi spejjeż kbar, l-iktar lil dak il-qasam ta' l-industrija li jikkonsma ħafna ilma bħas-settur tal-produzzjoni ta' l-ikel kif ukoll is-settur tat-turiżmu u r-ristoranti. Dan ġie kkonfermat minn rappreżentanti ta' l-industrija.

Għaldaqstant, din il-Kamra:

Tqis dawn it-tariffi bħala anti-soċjali u li se jgħollu aktar il-ħajja. Dan se jnaqqas il-livell ta' l-għajxien ta' kulħadd, u l-iktar ta' dawk li l-inqas jifilħu.

Għalhekk, tirriżolvi li tħassar ir-regolamenti msemmija.

24.02.1998